Nru. 17,876
Prezz Lm1.60c
Price Lm1.60c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 7 ta' Frar, 2006
Tuesday, 7th February, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 119

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,874 tat-3 ta' Frar, 2006.

A.L. Nru. 23 ta' l-2006: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' *Bachelor of Arts (Tourism Studies) – B.A. (Tourism Studies)* – u *Bachelor of Arts (Honours) (Tourism Studies) – B.A. (Hons) (Tourism Studies)* – taħt il-patroċ inju tal-Fakultà ta' l-Ekonomija, *Management u Accountancy*.

A.L. Nru. 24 ta' l-2006: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' *Bachelor of Education (Honours) – B.Ed. (Hons)* – taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni.

A.L. Nru. 25 ta' l-2006: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' *Bachelor of Commerce – B.Com.* – u *Bachelor of Commerce (Honours) – B.Com. (Hons)* – taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Ekonomija, *Management u Accountancy*.

A.L. Nru. 26 ta' l-2006: Att ta' l-2003 dwar il-Mediċini (Att Nru. III ta' l-2003); Regolamenti ta' l-2006 dwar Drittijiet li tiġbor l-Awtorità Dwar il-Mediċini.

A.L. Nru. 27 ta' l-2006: Att ta' l-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji (Att Nru. IX ta' l-1980); Ordni ta' l-2006 dwar Korrezzjoni tal-Liġijiet (Kap. 12).

GOVERNMENT NOTICES

No. 119

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 17,874 of the 3rd February, 2006

L.N. No. 23 of 2006: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2006 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Degrees of Bachelor of Arts (Tourism Studies) – B.A. (Tourism Studies) – and Bachelor of Arts (Honours) (Tourism Studies) – B.A. (Hons) (Tourism Studies) – under the auspices of the Faculty of Economics, Management and Accountancy.

L.N. No. 24 of 2006: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2006 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Degree of Bachelor of Education (Honours) – B.Ed. (Hons) – under the auspices of the Faculty of Education.

L.N. No. 25 of 2006: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2006 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Degrees of Bachelor of Commerce – B.Com. – and Bachelor of Commerce (Honours) – B.Com (Honours) – under the auspices of the Faculty of Economics, Management and Accountancy.

L.N. No. 26 of 2006: Medicines Act, 2003 (Act No. III of 2003; Medicines Authority (Fees) Regulations, 2006.

L.N. No. 27 of 2006: Statute Law Revision Act, 1980 (Act No. IX of 1980); Correction of Laws Order, 2006 (Cap. 12).

A.L. Nru. 28 ta' l-2006: Att ta' l-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji (Att Nru. IX ta' l-1980); Ordni ta' l-2006 dwar Korrezzjoni tal-Liġijiet (Kap. 356).

A.L. Nru. 29 ta' l-2006: Att ta' l-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji (Att Nru. IX ta' l-1980); Ordni ta' l-2006 dwar Korrezzjoni tal-Liġijiet (Kap. 464).

A.L. Nru. 30 ta' l-2006: Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158); Indiċi ta' l-Inflazzjoni għas-Sena 2005.

A.L. Nru. 31 ta' l-2006: Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent (Kap. 435); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ.

A.L. Nru. 32 ta' l-2006: Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent (Kap. 435); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ tar-Regolamenti ta' l-2005 dwar Stima Ambjentali Strateġika.

A.L. Nru. 33 ta' l-2006: Att dwar is-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra (Kap. 186); Ordni ta' l-2006 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra.

A.L. Nru. 34 ta' l-2006: Att dwar is-Salarji ta' l-Imħallfin u tal-Maġistrati (Kap. 175); Ordni ta' l-2006 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji ta' l-Imħallfin u Maġistrati.

Is-7 ta' Frar, 2006

Nru. 120

BORD GĦAS-SERVIZZI ĠENERALI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għoġbu jaħtar, skond Taqsima X, Artikolu 44 ta' l-Ordinanza tad-Dipartiment tas-Saħħa, (Kap. 94), dan iċ-*Chairperson* u l-Membri fuq il-Bord għas-Servizzi Ġenerali sal-31 ta' Diċembru, 2006.

Chairperson
Dott. Ray Busuttil, M.D., Direttur Ġenerali (Saħħa)

Membri
Is-Sur Ray Farrugia, A. & C.E., Direttur Ġenerali jew ir-rappreżentant tiegħu
Rappreżentant tal-Kamra tal-Periti u l-Inġiniera Ċivili

Dott. Mario Sammut, M.D.
Dott. Stephanie Xuereb, M.D.
Dott. Taygeta Firman, M.D.
Ms Rose Schembri
Is-Sur Joe Farrugia

It-3 ta' Frar, 2006
MHCEFA/PS/46/97
DH 590/97

L.N. No. 28 of 2006: Statute Law Revision Act, 1980 (Act No. IX of 1980); Correction of Laws Order, 2006 (Cap. 356).

L.N. No. 29 of 2006: Statute Law Revision Act, 1980 (Act No. IX of 1980); Correction of Laws Order, 2006 (Cap. 464).

L.N. No. 30 of 2006: Housing (Decontrol) Ordinance (Cap. 158); Index of Inflation for the Year 2005.

L.N. No. 31 of 2006: Environment Protection Act (Cap. 435); Commencement Notice.

L.N. No. 32 of 2006: Environment Protection Act (Cap. 435); Commencement Notice of the Strategic Environmental Assessment Regulations, 2005.

L.N. No. 33 of 2006: President of Malta and other Officers (Salaries) Act (Cap. 186); President of Malta and other Officers (Revision of Salaries) Order, 2006.

L.N. No. 34 of 2006: Judges and Magistrates (Salaries) Act (Cap. 175); Judges and Magistrates (Revision of Salaries) Order, 2006.

7th February, 2006

No. 120

GENERAL SERVICES BOARD

IT is notified for general information that the Minister of Health, the Elderly and Community Care has been pleased to appoint, in terms of Section X, Article 44 of the Department of Health (Constitution) Ordinance, (Cap. 94), the following Chairperson and Members on the General Services Board until 31st December 2006.

Chairperson
Dr Ray Busuttil, M.D., Director-General (Health)

Members
Mr Ray Farrugia, A. & C.E., Director-General or his representative
Representative of the Chamber of Architects and Civil Engineers
Dr Mario Sammut, M.D.
Dr Stephanie Xuereb, M.D.
Dr Taygeta Firman, M.D.
Ms Rose Schembri
Mr Joe Farrugia

3rd February, 2006

Nru. 121

KORPORAZZJONI MALTIJA GĦALL-INTRAPRIŻA

IR-RIŻOLUZZJONI li ġejja meħudha mill-Bord tad-Diretturi tal-Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' l-Intrapriża waqt laqgħa li saret fil-31 ta' Jannar, 2006, qed tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur ta' l-Artikolu 11 ta' l-Att dwar il-Korporazzjoni Maltija dwar l-Intrapriża (Kap. 463 tal-Liġijiet ta' Malta):

"Minbarra r-rappreżentanza legali tal-Korporazzjoni vestita fil-President u fil-Viċi President a tenur ta' l-Artikolu 11 ta' l-Att dwar il-Korporazzjoni Maltija dwar l-Intrapriża (Kap. 463), b'seħħ mill-31 ta' Jannar, 2006, ir-rappreżentanza legali tal-Korporazzjoni hija vestita wkoll fil-Kap Eżekuttiv Philip Micallef jew fi kwalsijasi tnejn mit-tliet *Chief Officers,* Mario Galea, David Galea Souchet u Raymond Muscat".

Il-31 ta' Jannar, 2006

No. 121

MALTA ENTERPRISE CORPORATION

THE following resolution taken by the Board of Directors of the Malta Enterprise Corporation during a meeting held on the 31st January, 2006, is being published in the Government Gazette in terms of Article 11 of the Malta Enterprise Corporation Act (Cap. 463 of the Laws of Malta):

"Besides the legal representation of the Corporation vested in the Chairman and Deputy Chairman in terms of Article 11 of the Malta Enterprise Corporation Act (Cap. 463), with effect from 31st January, 2006 the legal representation of the Corporation shall also vest in the Chief Executive Officer Philip Micallef or in any two of the three Chief Officers, Mario Galea, David Galea Souchet and Raymond Muscat".

31st January, 2006

Nru. 122

AWTORITÀ TAT-TURIŻMU TA' MALTA

SKOND l-artikolu 3 ta' l-Att (Kap. 409) dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, il-Ministru għat-Turiżmu u l-Kultura ħatar iċ-*Chairman* u l-membri ta' l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta. Il-ħatriet huma b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2006.

Il-persuni maħtura huma:

Chairman
Is-Sur Romwald Lungaro Mifsud

Membri
Is-Sur Joseph Diacono
Is-Sur Peter Bolech
Dott. Nadia Theuma
Is-Sur Joe Muscat
Is-Sur Franco Valletta
Is-Sur Joe Cappello
Ms Christine Muscat
Is-Sur John Sciberras
Is-Sur Iain Tonna
Is-Sur Justin Zammit Tonna

Is-7 ta' Frar, 2006

No. 122

MALTA TOURISM AUTHORITY

IN terms of article 3 of the Malta Travel and Tourism Services Act (Cap. 409), the Minister for Tourism has appointed the Chairman and members of the Malta Tourism Authority. The appointments are with effect from 1st January 2006.

The appointed persons are:

Chairman
Mr Romwald Lungaro Mifsud

Members
Mr Joseph Diacono
Mr Peter Bolech
Dr Nadia Theuma
Mr Joe Muscat
Mr Franco Valletta
Mr Joe Cappello
Ms Christine Muscat
Mr John Sciberras
Mr Iain Tonna
Mr Justin Zammit Tonna

7th February, 2006

Nru. 123

AWTORITÀ TAT-TURIŻMU TA' MALTA

Direttorat ta' l-Infurzar

SKOND l-artikolu 12 (1) ta' l-Att (Kap. 409) dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, il-Ministru għat-Turiżmu u l-Kultura ħatar iċ-*Chairman* u l-membri tad-Direttorat ta' l-Infurzar ta' l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta għall-perjodu li jibda fl-1 ta' Jannar 2006 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2006.

Il-persuni maħtura huma:

Chairman
Is-Sur Anthony Cachia

Membri
Ms Therese Delia
Dott. Paul Pullicino

Is-7 ta' Frar, 2006

No. 123

MALTA TOURISM AUTHORITY

Enforcement Directorate

IN terms of article 12 (1) of the Malta Travel and Tourism Services Act (Cap. 409), the Minister for Tourism and Culture has appointed the Chairman and members of the Enforcement Directorate of the Malta Tourism Authority for the period commencing on 1st January 2006 and terminating on 31st December 2006.

The appointed persons are:

Chairman
Mr Anthony Cachia

Members
Ms Therese Delia
Dr Paul Pullicino

7th February, 2006

Nru. 124

ATT DWAR IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTIĠJANAT (ATT NRU. XXI TA' L-2000)

Elezzjoni ta' l-2006 ta' Membri fuq il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat

SKOND id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 13 ta' l-Iskeda li tinstab ma' l-Att ta' l-2000 dwar il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat, is-Segretarju jgħarraf li l-elezzjoni avżata fil-ħarġa tal-Gazzetta Nru. 17,854 tal-20 ta' Diċembru 2005, ma kienx jeħtieġ li ssir minħabba li n-numru ta' kandidati nominati laħaq dak stipulat mil-liġi, jiġifieri 3 artiġjani u imprenditur wieħed.

Għaldaqstant, il-kandidati nominati li isimhom jidher hawn taħt huma dikjarati eletti u l-perjodu tal-kariga jibda b'seħħ mis-7 ta' April 2006.

Rappreżentanti ta' l-artiġjani: Is-Sur Francis Galea, is-Sur Louis Galea u s-Sur Eric Bugeja.

Rappreżentant ta' l-imprendituri: Is-Sur Joseph Galea.

Is-7 ta' Frar, 2006

No. 124

MALTA CRAFTS COUNCIL ACT (ACT NO. XXI OF 2000)

Election 2006 of Members on the Malta Crafts Council

IN terms of the provisions in paragraph 13 of the Schedule annexed to the Malta Crafts Council Act 2000, the Secretary notifies that the election which was notified in the Gazette No. 17,854 published on the 20th December 2005 was not held because the number of candidates nominated reached that stipulated by law, that is, 3 craftsmen and one entrepreneur.

The candidates nominated and whose names are listed below are, therefore, declared as elected and their term of office shall commence with effect from 7th April 2006:

Members representing the craftsmen: Mr Francis Galea, Mr Louis Galea and Mr Eric Bugeja.

Member representing the entrepreneurs: Mr Joseph Galea.

7th February, 2006

Nru. 125

MINISTERU TAL-FINANZI

Għotja ta' Darba fuq Stallazzjoni ta' *Lifts* lill-Organizzazzjonijiet Volontarji fil-Komunità u Ħwienet Żgħar

BIEX il-Gvern ikompli jinċentiva il-komunità Maltija sabiex tkun aktar inklużiva, il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi qed iniedi din l-iskema sabiex jinkoraġġixxi l-istallazzjoni ta' *lifts* fil-bini ta' organizzazzjonijiet volontarji fil-komunità u ta' ħwienet żgħar, u li għandhom aċċess għall-pubbliku, sabiex jirrendi dan il-bini aktar aċċessibbli.

Is-7 ta' Frar, 2006

SKEMA

1. Tifsir

F'din l-iskema, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xorta oħra:

'Malta' tfisser il-gżejjer Maltin;

'applikant' tfisser persuna li għalqet it-18-il sena fid-data ta' l-applikazzjoni jew qabel u li tkun uffiċjalment rikonoxxuta li tirrapprezenta organizzazzjoni voluntarja fil-komunità li f'isimha tkun qed tapplika għal din l-għotja, jew tkun sid ta' ħanut żgħir;

'data effettiva' tfisser l-1 ta' Jannar, 2006;

'riċevuta fiskali' tfisser riċevuta kif imfissra fit-Tlettax-il Skeda ta' l-Att ta' l-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Numru XXIII ta' l-1998) u tinkludi kull regolament magħmul taħt l-istess Att. Din tinkludi wkoll *tax invoice* kif imfissra fit-Tnax-il Skeda ta' l-istess Att;

'organizzazzjoni volontarja fil-komunità tfisser organizzazzjoni li għandha indirizz uffiċjali f'Malta u li l-iskop esklussiv li għalih ġiet stabbilita huwa dak soċjali u mhux dak li tiġġenera l-qliegħ; jew organizzazzjoni li għandha indirizz uffiċċjali f'Malta u li ġiet stabbilita għal kwalunkwe skop ieħor legali barra dak li tiġġenera l-qligħ.

'valur ta' l-istallazzjoni tal-*lift*' tfisser il-valur aħħari tax-xiri tal-*lift* li jkun inxtara minn Malta flimkien ma' l-ispejjeż tal-istallazzjoni tal-*lift* kif muri fl-irċevuta/i fiskali.

2. Min jista' japplika għall-għotja taħt din l-iskema

Din l-iskema tapplika għas-sehem fl-infiq li jsir darba biss fuq il-valur ta' l-istallazzjoni ta' *lift* li jsir mill-applikant fid-data effettiva jew wara, f'bini fejn hemm l-uffiċċju ta' organizzazzjoni volontarja fil-komunità jew fejn hemm ħanut żgħir, liema bini għandu aċċess għall-pubbliku, bl-iskop li tali uffiċċju jew ħanut isir aktar aċċessibbli għall-komunità. Applikant huwa eliġibbli għal għotja waħda biss fuq stallazzjoni ta' *lifts*.

No. 125

MINISTRY OF FINANCE

A Once-Only Grant on the Installation of Lifts for Non-Government Organisations (NGOs) and Small Enterprises

IN order to further encourage the Maltese community to become more inclusive, the Prime Minister and Minister of Finance has made the following scheme with a view of inducing NGOs and small enterprises to install lifts to render their buildings, which are open to the public, more accessible .

7th February, 2006

SCHEME

1. Interpretation

In this scheme, unless the context otherwise requires:

'Malta' means the islands of Malta;

'applicant' means any person, who is 18 years of age or over on the day of application and who is officially recognised as representing an NGO, on whose behalf such a person is applying for the grant, or is the owner of a small enterprise;

'effective date' means the 1st.January, 2006;

'fiscal receipt' means a receipt as defined in the Thirteenth Schedule to the Value Added Tax of 1998 (Act XXIII of 1998) and also includes any regulation made by the same act. This includes also a tax invoice as defined in the Twelfth Schedule to the same Act;

'NGO' means an organisation which has an official address in Malta and which is created or established exclusively for a social purpose and is a non-profit making organisation; or an organisation which has an official address in Malta and which is established for any other lawful purpose as a non-profit making organisation.

'costs of the lift installation ' means the final purchase price of the lift, which lift has been purchased in Malta, together with the installation costs of such a lift as per fiscal receipt/s.

2. Area of applicability

This scheme applies to the relative share of costs of the lift installation as borne by the applicant on or after the effective date, which installation occurs in the premises where the offices of the NGO, or where the shop of the small enterprise are/is located, and which premises is accessible to the public. The purpose of such installation is to render such offices or shop more accessible to the community. The applicant is entitled to only one grant on the installation of lifts.

3. Infiq li għandu jiġi rrapportat

L-infiq li għandu jiġi rrapportat huwa dwar is-sehem tal-kontribuzzjoni ta' l-applikant fl-ispejjeż tal-valur tal-istallazzjoni tal-*lift* kif muri fl-irċevuta/i fiskali.

4. Kif wieħed japplika u dokumenti li għandhom jiġu pprovduti

(i) Applikazzjonijiet taħt din l-iskema għandhom isiru fuq il-formula murija fl-iskeda li tinsab ma' din l-iskema u għandu jkun fihom dak it-tagħrif, dettalji u dokumenti kollha kif meħtieġa fl-imsemmija formola u skond din l-iskema.

(ii) L-applikazzjonijiet għandu jkollhom meħmuża magħhom id-dokumenti li ġejjin:

(a) kopja tal-Karta ta' l-Identità ta' l-applikant, jew xi dokument uffiċjali ieħor fin-nuqqas ta' Karta ta' l-Identità;

(b) fil-każ ta' applikant li qed japplika għan-nom ta' organizzazzjoni volontarja fil-komunità, dokument uffiċjali ta' din l-organizzazzjoni li tawtorizzah li japplika f'isimha;

(ċ) fil-każ ta' applikant li qed japplika f'isem organizzazzjoni volontarja fil-komunità, kwalunkwe dokument relatat, li permezz tiegħu tiġi stabbilita l-eliġibiltà jew le li din l-organizzazzjoni għandha għall-għotja. Dan jinkludi l-istorja fil-qosor tal-organizzazzjoni sa mit-twaqqif tagħha, l-istatut tagħha, lista attwali tal-membri attivi, evidenza ta' konnessjonijiet/relazzjonijiet, jekk hemm, ma' ministeri/entitajiet governattivi.

(d) fil-każ ta' applikant ta' ħanut żgħir, kopja tal-permessi uffiċċjali kollha meħtieġa sabiex l-applikant jopera tali negozju f'ismu u fil-bini fejn ġie stallat il-*lift*;

(e) jekk l-applikant/l-organizzazzjoni volontarja fil-komunità huwa/hija sid ta' l-uffiċċju/ħanut li jinsab fil-lok fejn ġie stallat il-*lift*, kopja tal-kuntratt tax-xiri ta' l-uffiċċju/ħanut;

(f) l-irċevuta/i fiskali oriġinali jew kwalunkwe dokument li jissostanzja s-sehem tal-kontribuzzjoni ta' l-applikant/l-organizzazzjoni voluntarja fil-komunità għax-xiri u l-istallazzjoni tal-*lift*;

(ġ) ċertifikat uffiċjali maħruġ minn perit bil-*warrant* li jikkonferma li l-*lift* ġie stallat fil-lok kif indikat hawn fuq, fit-tali data, u dan ukoll skond il-permessi kollha meħtieġa, skond ir-regoli u l-liġijiet eżistenti, u skond il-permessi neċessarji mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (M.E.P.A) u mid-Dipartiment ta' l-Artijiet kif meħtieġ, kif ukoll minn terzi persuni li l-kunsens tagħhom huwa neċessarju sabiex isiru x-xogħlijiet u l-alterazzjonijiet neċessarji;

3. Expenditure to be reported

The expenditure to be reported is in respect of the relative share of the total costs of the lift installation as borne by the applicant and as shown on the fiscal receipt/s.

4. Manner of application and supporting documents

(i) Applications under this scheme shall be made in the form, set out in the schedule to this scheme and shall contain all the information, details and documents as required in the said form and in terms of this scheme.

(ii) Applications shall be accompanied by the documents shown hereunder:

(a) a copy of the Identity Card of the applicant, or any other official document in the absence of an Identity Card;

(b) in the case of an applicant who is applying on behalf of an NGO, an official document authorising the applicant to act on behalf of such an organisation;

(c) in the case of an applicant who is applying on behalf of an NGO, such relevant documentation as may be necessary to determine the eligibility, or otherwise, of the NGO to this grant, including a brief history of the NGO since its establishment, its statue, list of current active members, evidence of interaction/relationships, if any, with specific government ministries/entities;

(d) in the case of an applicant of a small enterprise, a copy of all the official permits required to operate such a business on his own behalf and from the premises where the lift is installed;

(e) if the applicant/NGO is the owner of the office/shop premises that is situated in the premises where the lift is installed, a copy of the contract of purchase of such office/shop premises;

(f) the original fiscal receipt/s or any other documentary evidence regarding the relative share of the costs of the lift and its installation as borne by the applicant/NGO;

(g) an official certificate issued by a warranted architect confirming the installation of such a lift, in such a premises as indicated above and on such a particular date, and all this is in conformity with all the existing rules and regulations, and in accordance with the necessary permits from the Malta Planning Authority (M.E.P.A) and from the Lands Department as applicable, as well as from third parties whose consent is necessary in order to carry out the necessary works and alterations;

(ħ) kull dokument ieħor li l-Ministeru tal-Finanzi jista' jitlob minn żmien għal żmien.

(iii) Ikunu jikkwalifikaw biss għall-għotja msemmija fil-paragrafu 5 ta' din l-Iskema dawk l-applikazzjonijiet li jkunu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din l-iskema.

(iv) Applikazzjonijiet taħt din l-Iskema, inkluż id-dokumenti meħtieġa li jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, għandhom ikunu indirizzati lill-Ministeru tal-Finanzi, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta, fi żmien **tliet xhur** mid-data ta' l-istallazzjoni tal-*lift*.

5. Għotja li titħallas taħt din l-Iskema

Applikanti li jikkwalifikaw jistgħu japplikaw għall-għotja ta' darba biss sa massimu ta' 10% fuq il-kontribuzzjoni ta' l-applikant/organizzazzjoni volontarja fil-komunità fuq il-valur tal-istallazzjoni tal-*lift*.

6. Ħlas tal-għotja

L-għotja titħallas lill-applikant permezz ta' *cheque* fl-indirizz li jidher fuq l-applikazzjoni.

7. Validità ta' l-applikazzjoni

Ma jitqiesx li tkun saret applikazzjoni kemm-il darba din ma tkunx sħiħa u dettaljata f'kull aspett materjali tagħha u kemm-il darba ma jkunx fiha t-tagħrif kollu meħtieġ u kemm-il darba ma jkollhiex mehmuża magħha d-dokumentazzjoni mitluba fl-imsemmija applikazzjoni. Jiġi rrisevat id-dritt li kwalunkwe applikazzjoni għall-għotja li ma tissodisfax waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet neċessarji tiġi rrifjuta.

8. Tul ta' din l-Iskema

Din l-iskema tibqa' fis-seħħ għal żmien ta' sena mill-1 ta' Jannar 2006, sakemm din l-iskema ma tiġix mitmuma permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazzetta, u tiġġedded b'mod awtomatiku għal żminijiet oħra ta' sena l-wieħed sakemm ma tiġix mitmuma permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Emendi għall-Iskema

Il-Ministru responsabbli għall-Finanzi jżomm id-dritt li jagħmel kull tibdil f'din l-iskema bil-pubblikazzjoni ta' dak it-tibdil fil-Gazzetta.

10. Dispożizzjonijiet transitorji

Applikazzjonijiet taħt din l-iskema għal stallazzjoni ta' *lifts* li saru bejn l-1 ta' Jannar 2006 u d-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifikazzjoni, għandhom jitqiesu bħala applikazzjonijiet validi taħt din l-iskema. F'dawn il-każijiet l-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu fi żmien **tliet xhur** mid-data tal-publikazzjoni ta' dan l-avviż.

SKEDA

(h) any other document which the Ministry of Finance may, from time to time, require.

(iii) Only those applications that are found to conform with the provisions of this Scheme shall be eligible for payment of the grant referred to in paragraph 5 of the scheme.

(iv) Applications under this Scheme, including the documents that are to be submitted with the application, shall be submitted/sent to the Ministry of Finance, Maisons Demandols South Street, Valletta, not later than **three months** from the date of installation of the lift.

5. Grant payable under this Scheme

Eligible applicants may apply for a once-only grant up to a maximum of 10% on the part of the costs of the lift installation borne by the applicant/NGO.

6. Payment of Grant

The grant will be paid to the applicant by cheque posted to the address shown on the application.

7. Validity of application

An application shall not be deemed to have been submitted unless it is full and complete in all material respects and unless it contains all the information and is accompanied by all the documentation requested therein. The right, to refuse any application for such grant that does not satisfy any one or more of the specified conditions, is being reserved.

8. Duration of the Scheme

This scheme shall remain in force for a period of one year from the1st January 2006 unless terminated beforehand by a notice in the Gazette, and shall be renewed for further periods of one year unless a Notice to the contrary is published in the Government Gazette.

9. Amendments to the Scheme

The Minister responsible for Finance shall have the right to make any amendments to this Scheme by the publication of the said amendments in the Gazette.

10. Transitory provisions

Applications made under this scheme for lifts installation made between the 1st January 2006 and the date of publication of this notice shall be deemed to be valid applications under this scheme. In such cases applications shall be submitted within **three months** from the date of publication of this notice.

SCHEDULE

Numru ta' Referenza

Ministeru tal-Finanzi
Triq Nofsinhar,
Il-Belt
(Tel: 21249640/5,
21232646)

APPLIKAZZJONI GĦAL GĦOTJA TA' DARBA FUQ STALLAZZJONI TA' *LIFTS* LILL-ORGANIZZAZZJONIJIET VOLUNTARJI FIL-KOMUNITA' (*NGOs*)

Jiena _____ Nru. Tal-I.D. _____ u li noqgħod

_____

_____

qed napplika għal għotja ta' darba fuq stallazzjoni ta' *lift* f'dan il-lok (ikteb l-indirizz).

_____

_____

L-isem u l-indirizz uffiċċjali tal-*NGO* li qed topera minn dan il-lok huma

_____

_____

Timbru uffiċċjali tal-*NGO*

L-isem sħieħ u l-firma taċ- *Chairperson*/President/Amministratur ta' din l-*NGO*

_____

Dan/Dawn l-uffiċċju/uffiċini tal-*NGO* jinsabu fis-sular numru_____ tal-lok indikat hawn fuq.

Numru ta' sulari li fih dan il-lok _____

Numru ta' appartamenti/uffiċini li jinsabu f'dan il-lok _____

Jiena, li qed niffirma hawn taħt, qed napplika f'isem din l-*NGO*.

Mudell, għamla u s-*serial number* tal-*lift* _____

Dan il-lift inxtara (ikteb id-data) _____u ġie stallat fil-lok hawn fuq

indikat (ikteb id-data tal-istallazzjoni)_____.

Il-valur tax-xiri tal-*lift* flimkien mal-istallazzjoni tiegħu huwa Lm _____.

Il-kontribuzzjoni li ħarġet l-*NGO* għal din l-ispiża kollha hija ta' Lm _____

Qed nibgħat ukoll id-dokumenti kollha meħtieġa biex nissosstanzja din il-kontribuzzjoni.

In-numru/i tal-irċevuta/i fiskali _____

Nitlob sabiex il-għotja titħallas lura kif jidher hawn taħt:

Isem _____

Indirizz _____

_____

Niddikjara li d-dettalji u l-informazzjoni f'din l-applikazzjoni huma korretti. Niddikjara wkoll li din it-talba hija waħda finali.

_____	_____	_____	_____
Isem sħiħ ta' l-applikant	Firma	Data	Nru. tat-telefon

Din l-applikazzjoni għandha tkun indirizzata lill-Ministeru tal-Finanzi, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta, flimkien mad-dokumenti meħtieġa fi żmien *tliet xhur* mid-data tal-istallazzjoni tal-*lift*.

Id-dokumenti hawn taħt imsemmija huma meħtieġa:-

(i) Kopja tal-Karta ta' l-Identita' ta' l-applikant

(ii) L-irċevuta/i fiskali oriġinali jew kwalunkwe dokument li jissosstanzja s-sehem fil-kontribuzzjoni fl-ispejjeż tal-*NGO* għax-xiri u l-istallazzjoni tal-*lift*

(iii) Fil-każ li l-*NGO* hija sid tal-uffiċċju li jinsab fil-lok fejn ġie stallat il-lift, kopja tal-kuntratt tax-xiri tal-uffiċċju

(iv) Ċertifikat uffiċċjali maħruġ minn perit bil-*warrant* li jikkonferma li l-istallazzjoni ta' dan il-lift, f'dan il-lok, fit-tali data, u dan skond ir-regoli w il-liġijiet eżistenti u skond il-permessi neċessarji mill-*MEPA* u mid-Dipartiment tal-Artijiet kif meħtieġ, kif ukoll minn terzi persuni li l-kunsens tagħhom ikun meħtieġ

(v) Id-dokumenti kollha relatati li permezz tagħhom tiġi stabbilita l-eliġibilta' jew le li din l-*NGO* għandha għall-għotja. Dawn jinkludu l-istorja fil-qosor tal-NGO sa mit-twaqqif tagħha, l-istatut tagħha, lista attwali tal-membri attivi, evidenza ta' konnessjonijiet/relazzjonijiet, jekk hemm, ma' ministeri/entitajiet governattivi

It-tagħrif personali mogħti fuq din il-formola huwa protett u użat skond l-Att Dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data.

It-tagħrif mogħti fuq din l-applikazzjoni ser jintuża mill-Ministeru tal-Finanzi u mid-Dipartiment tal-VAT.

Reference Number

Ministry of Finance
South Street,
Valletta
(Tel: 21249640/5
21232646)

APPLICATION FOR A ONCE-ONLY GRANT ON THE INSTALLATION OF LIFTS FOR NON-GOVERNMENT ORGANISATIONS (NGOs)

I _____ I.D. number _____ residing at

_____

_____

wish to apply for a once-only grant on the installation of a lift in the following premises (address)

_____

_____

_____

The official name and official address of the NGO operating from such premises are:-

_____

_____

Official rubber stamp of the quoted NGO

Name and Surname of Chairperson/President/Administrator of such an NGO and his/her signature

_____

Such official premises/office/s of the NGO are/is situated on the (state the floor number)

_____ floor.

Number of floors in such premises_____

Number of apartments/offices in such premises _____

I, the undersigned, am applying for such a grant on behalf of the above mentioned NGO.

Model, type and serial number of the lift_____

This lift was purchased on (date) _____ and was installed at the above

mentioned residence on (date) _____.

The total costs of the lift and its installation are Lm_____

The part of the costs involved in the purchase of the lift and its installation borne by the

NGO is Lm_____.

I am also submitting documentary evidence regarding the NGO's part of the costs involved in the purchase of the lift and its installation.

VAT fiscal receipt/s number/s. _____

I request that payment of the grant will be made as follows:

Name _____

Address _____

_____

I declare that the details and the information in this application are correct. I also declare that this claim is final.

_____ _____ _____ _____

Name in full of applicant Signature Date Tel. number

This application, together with all the relevant documents, is to be submitted/sent to the Ministry of Finance, Maison Demandols, South Street Valletta, within three months from the date of the lift installation.

The following documents are requested:-

(i) A copy of the I.D. card of the applicant

(ii) The original fiscal receipt/s or any other documentary evidence regarding the part of the costs involved in the purchase of the lift and its installation borne by the NGO

(iii) If the NGO is the owner of the office premises which are situated in the premises where lift is installed, a copy of the contract of purchase of such office premises

(iv) A certificate endorsed by a warranted architect, confirming the installation of such a lift, in such premises and on such a particular date, and this in conformity with all the existing rules and regulations, and in accordance with the necessary permits from MEPA and from the Lands Department as applicable, and consent from third parties as may be required

(v) Any other relevant documentation such as a brief history of the NGO since its establishment, a copy of its statute, a list of its current active members, and any documentary evidence regarding any interaction/relationships, if any, with Government Ministries/Entities

Personal information provided on this form is protected and used in accordance with the Data Protection Act.

The information shown on this application form will be used by the Ministry of Finance and the VAT Department

Numru ta' Referenza

Ministeru tal-Finanzi
Triq Nofsinhar,
Il-Belt
(Tel: 21249640/5,
21232646)

APPLIKAZZJONI GĦAL GĦOTJA TA' DARBA FUQ STALLAZZJONI TA' *LIFTS* LILL-ĦWIENET ŻGĦAR

Jiena _____ Nru. Tal-I.D. _____ u li noqgħod

_____

_____

qed napplika għal għotja ta' darba fuq stallazzjoni ta' *lift* f'dan il-lok (ikteb l-indirizz).

_____

_____

L-isem uffiċċjali tal-ħanut li qed jopera minn dan il-lok huwa

_____

_____

Dan il-ħanut jinsab fis-sular numru_____ tal-lok msemmi hawn fuq.

Numru ta' sulari li fih dan il-lok _____

Numru ta' appartamenti/uffiċini li jinsabu f'dan il-lok _____

Jiena, li qed niffirma hawn taħt, qed napplika għall-għotja peress li jiena s-sid ta' dan n-negozzju ta' dan il-ħanut żgħir.

Mudell, għamla u s-*serial number* tal-*lift* _____

Dan il-*lift* inxtara (ikteb id-data) _____u ġie stallat fil-lok hawn fuq

indikat (ikteb id-data tal-istallazzjoni)_____.

Il-valur tax-xiri tal-*lift* flimkien mal-istallazzjoni tiegħu huwa Lm _____.

Il-kontribuzzjoni li ħriġt jiena għal din l-ispiża hija ta' Lm _____

Qed nibgħat ukoll id-dokumenti kollha meħtieġa biex nissosstanzja din il-kontribuzzjoni.

In-numru/i tal-irċevuta/i fiskali _____

Nitlob sabiex il-għotja titħallas lura kif jidher hawn taħt:

Isem _____

Indirizz _____

_____

Niddikjara li d-dettalji u l-informazzjoni f'din l-applikazzjoni huma korretti. Niddikjara wkoll li din it-talba hija waħda finali.

_____	_____	_____	_____
Isem sħiħ ta' l-applikant	Firma	Data	Nru. tat-telefon

Din l-applikazzjoni għandha tkun indirizzata lill-Ministeru tal-Finanzi, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta, flimkien mad-dokumenti meħtieġa fi żmien *tliet xhur* mid-data tal-istallazzjoni tal-*lift*.

Id-dokumenti hawn taħt imsemmija huma meħtieġa:-

(i) Kopja tal-Karta ta' l-Identita' ta' l-applikant

(ii) L-irċevuta/i fiskali oriġinali jew kwalunkwe dokument li jissosstanzja l-kontribuzzjoni tas-sid in-negozju tal-ħunut żgħir għax-xiri u l-istallazzjoni tal-*lift*

(iii) Fil-każ li s-sid tan-negozju tal-ħanut żgħir huwa s-sid tal-ħanut li jinsab fil-lok fejn ġie stallat il-*lift*, kopja tal-kuntratt tax-xiri tal-ħanut

(iv) Ċertifikat uffiċċjali maħruġ minn perit bil-*warrant* li jikkonferma l-istallazzjoni ta' dan il-*lift*, f'dan il-lok, fit-tali data, u dan skond ir-regoli w il-liġijiet eżistenti u

skond il-permessi neċessarji mill-*MEPA* u mid-Dipartiment tal-Artijiet kif meħtieġ, kif ukoll minn terzi persuni li l-kunsens tagħhom ikun meħtieġ

(v) Kopja tal-permessi uffiċċjali kollha meħtieġa biex l-applikant jopera tali negozju f'ismu fil-bini fejn ġie stallat il-*lift*

It-tagħrif personali mogħti fuq din il-formola huwa protett u użat skond l-Att Dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data.

It-tagħrif mogħti fuq din l-applikazzjoni ser jintuża mill-Ministeru tal-Finanzi u mid-Dipartiment tal-VAT.



Reference Number

Ministry of Finance
South Street,
Valletta
(Tel: 21249640/5
21232646)

APPLICATION FOR A ONCE-ONLY GRANT ON THE INSTALLATION OF LIFTS FOR SMALL ENTERPRISES

I _____ I.D. number _____ residing at

_____

_____

wish to apply for a once-only grant on the installation of a lift in the following premises (address)

_____

_____

_____

The official name of the shop (small enterprise) situated in such premises is:-

_____

_____

Such a shop is situated on the (state the floor number)

_____ floor of such premises.

Number of floors in such premises_____

Number of apartments/offices in such premises _____

I, the undersigned, am applying for such a grant, being the owner of such a small enterprise.

Model, type and serial number of the lift_____

This lift was purchased on (date) _____ and was installed at the above

mentioned residence on (date) _____

The total costs of the lift and its installation are Lm _____.

My part of the costs involved in the purchase of the lift and its installation is

Lm_____.

I am also submitting documentary evidence regarding my part of the costs.

VAT fiscal receipt/s number/s. _____

I request that payment of the grant will be made as follows:

Name _____

Address _____

_____

I declare that the details and the information in this application are correct. I also declare that this claim is final.

_____	_____	_____	_____
Name in full of applicant	Signature	Date	Tel. number

This application, together with all the relevant documents, is to be submitted/sent to the Ministry of Finance, Maison Demandols, South Street Valletta, within three months from the date of installation of the lift.

The following documents are requested:-

(i) A copy of the I.D. card of the applicant

(ii) The original fiscal receipt/s or any other documentary evidence regarding the part of the costs involved in the purchase of the lift and its installation borne by the owner of the small enterprise

(iii) If the owner of the enterprise is the owner of the shop which is situated in the premises where the lift is installed, a copy of the contract of purchase of such shop

(iv) A certificate endorsed by a warranted architect, confirming the installation of such a lift, in such premises and on such particular date, and this in conformity with all the existing rules and regulations, and in accordance with the necessary permits from MEPA and the Lands Department as applicable and consent from third parties as may be required

(v) A copy of all the official permits required to operate the small enterprise on behalf of the applicant.

Personal information provided on this form is protected and used in accordance with the Data Protection Act.

The information shown on this application form will be used by the Ministry of Finance and the VAT Department

Nru. 126

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 126

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Aġenzija ta' Gwardjani Privati
Application for licence of Private Guard Agency

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Josef Cuschieri	236660 (M)	"Signal 8 Security Services Malta Limited", Settler's Lodge, Flat 3, Triq ir-Roża, Marsaskala
Martin Zerafa	815756 (M)	"Datanet Security Systems Limited", 26, Vjal l-Independenza, Mosta

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Lokali
Application for licence of Local Wardens

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Richard Dimech	61669 (M)	6, Triq Ġużè Pace, Santa Venera

Applikazzjoni għal-liċenza Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Criflaine Fenech Criscchiola	295883 (M)	3, Triq il-Foss, Birgu
Marisa Stanyer	145764 (M)	Panta Court, Flat 9, Triq André Maurois, Ta' Ġiorni, San Ġiljan
Ramon Lautier	567187 (M)	27, "Bibi", Triq tal-Ħabaq, Luqa
Daniel Wallis	30774 (A)	22, "Craven Cottage", Triq Hookham Frere, Guardamangia, Pietà

Francis Meilaq	221360 (M)	58, "Square View", Flat 2, Triq il-Kurat Schembri, Mosta
Anton Galea	345585 (M)	102, Triq ir-Repubblika, Valletta
Keith Bonello	585385 (M)	26, Carolina, Flat 12, Triq l-Empire Stadium, Gżira
Ian Mark Aquilina	289187 (M)	123, Triq Azzopardi, Marsa
Keith Christopher Aquilina	112686 (M)	123, Triq Azzopardi, Marsa
Alessandro Mizzi	43780 (M)	"Harmony", Flat 2, Triq Alfredo Cachia Zammit, Żejtun
Brady Vella	220087 (M)	45, "St Anthony", Triq il-Karmnu, Fgura

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarjatagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Is-7 ta' Frar, 2006

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

7th February, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Manager (Welfare Services Assessment)* fid-Dipartiment għal *Standards* fil-Ħarsien Soċjali fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Manager (Welfare Services Assessment)* fid-Dipartiment għal *Standards* fil-Ħarsien Soċjali fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali.

2.1 Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet (3) snin bħala *Manager (Welfare Services Assessment)* fid-Dipartiment għal *Standards* fil-Ħarsien So-ċjali fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Manager (Welfare Services Assessment)* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sustantiv tagħha meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħha fid-Dipartiment għal *Standards* fil-Ħarsien Soċjali fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li ma jiġġeddidx jew jintemm il-kuntratt.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-kuntratt tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn skala 6, hija tkun mistennija li tħalli d-dmirijiet ta' *Manager (Welfare Services Assessment)* u tkun trasferita għal dmirijiet li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 6 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' ingaġġ tagħha kif ipprovdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma tiġix offruta tiġdid tal-kuntratt.

3. Persuna fil-pożizzjoni ta' *Manager (Welfare Services Assessment)* fid-Dipartiment għal *Standards* fil-Ħarsien So-ċjali fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali jkollha salarju ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 6 (bħalissa Lm8,684 fis-sena). F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċ-jal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sostantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *allowance* li ma tiġix ikkunsidrata għal skop ta' pensjoni.

4.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Manager (Welfare Services Assessment)* jinkludu:-

(a) Is-superviżjoni ta' l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Manager (Welfare Services Assessment) in the Department for Social Welfare Standards within the Ministry for the Family and Social Solidarity

The Public Service Commission invites applications for the position of Manager (Welfare Services Assessment) in the Department for Social Welfare Standards, Ministry for the Family and Social Solidarity.

2.1 The selected candidate will be expected to enter into a three (3) year contract as a Manager (Welfare Services Assessment) in the Department for Social Welfare Standards, Ministry for the Family and Social Solidarity, which may be renewed for further periods. Unsatisfactory performance as Manager (Welfare Services Assessment) during the contract period will lead to termination of contract.

2.2 If the selected candidate is a Public Officer in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will return to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer in the Malta Public Service, his/her service with the Ministry for the Family and Social Solidarity as well as with the Maltese Government will be terminated in the event that hisċher contract is not renewed or is terminated.

2.3 If the selected candidate is a Public Officer in the Malta Public Service, and, during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 6, he/she will be required to relinquish the duties of Manager (Welfare Services Assessment) and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. Moreover, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 6 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but he/she will not be offered a subsequent renewal of contract.

2. Ikun reġistru ċentrali ta' l-intrapriżi u applikazzjonijiet pendenti għal-*label*;

3. Iservi bħala mezz biex jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn l-intrapriżi akkreditati u t-*Trustmark Organisation*;

4. Jipprovdi d-dettalji kollha lill-intrapriżi interessati biex jadottaw t-*trustmark* li tinkludi l-informazzjoni u *FAQs* relevanti.

Kopja ta' l-REF tista' titniżżel mill-*website* tal-MIITI www.miti.gov.mt

Il-proposti għandhom jintefgħu fil-kaxxa ta' l-RFP li tinsab fil-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni, 111, Palazzo Verdelin, Triq l-Arċisqof, Valletta CMR02, mhux aktar tard minn nofsinhar ħin ta' Malta ta' nhar il-Ġimgħa, l-24 ta' Frar, 2006. Proposti li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Is-7 ta' Frar, 2006

MINISTRY FOR INVESTMENT, INDUSTRY AND INFORMATION TECHNOLOGY

The Ministry for Investment, Industry and Information Technology (MIIIT) is seeking the services of interested and competent organisations for the development and setting up of a web portal for consumers and businesses interested in the local trustmark label.

The portal is intended to have four main uses:

1. Be a place where the public can obtain information about the trustmark label and view a detailed list of those businesses that have been granted the label thus given the consent to display the label on their portal;

2. Be a central repository of accredited businesses and pending applications for the label

3. Act as a medium to facilitate communication between accredited businesses and the Trustmark Organisation

4. Provide all necessary details to businesses interested in adopting the trustmark including relevant information and FAQs.

A copy of the RFP can be downloaded from the MIIIT website www.miti.gov.mt.

Proposals are to be deposited in the RFP Box located at the Ministry for Investment, Industry and Information Technology, Palazzo Verdelin, 111, Triq l-Arċisqof, Valletta CMR 02, by not later than noon Malta time, on Friday, 24th February 2006. Late submissions will not be considered.

7th February, 2006

SERVIZZI FARMAĊEWTIĊI TAL-GVERN

Id-Direttur tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia jgħarraf illi l-offerta tal-*Medical Stores* - EX-MST 733/05 - *X-ray long film 35cms x 129cms* ġiet ippubblikata nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Jannar u t-3 ta' Frar 2006 bid-dati ta' l-għeluq is-27 ta' Frar u s-6 ta' Marzu rispettivament. L-offerta se żżomm id-data ta' l-għeluq tat-Tnejn is-27 ta' Frar kif ġie ppubblikat fis-27 ta' Jannar 2006.

Is-7 ta' Frar, 2006

GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

The Director, Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, notifies that the Medical Stores Tender - EX-MST 733/05 - X-ray long film 35cms x 129cms was advertised on Friday 27th January and 3rd February 2006 with closing dates 27th February and 6th March respectively. The said tender will retain closing date Monday 27th February as advertised on 27th January 2006.

7th February, 2006

SERVIZZI FARMAĊEWTIĊI TAL-GVERN

Id-Direttur tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia jgħarraf illi:-

Sad-9.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, l-14 ta' Frar, 2006 fil-Kaxxa Ħadra fir-*reception area* tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia, l-Imsida, Malta, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin, għal:-

Kwot. PFI Nru. 2059. *Self-sealing urisheaths size 30mm.*
Kwot. PFI Nru. 2060. *Otoscopes.*
Kwot. PFI Nru. 2061. *Adrenaline auto injector adult.*
Kwot. PFI Nru. 2062. *Endo-tracheal tubes, metal armoures, size 4.5.*
Kwot. PFI Nru. 2063. *Accessories for vitro-retinal surgery.*
Kwot. PFI Nru. 2064. *Esmolol 10mg/ml x 250ml bags.*
Kwot. PFI Nru. 2065. *12FR mullins sheath.*
Kwot. PFI Nru. 2066. *14FR mullins sheath.*
Kwot. PFI Nru. 2067. *Implantable loop recorder reveal plus.*
Kwot. PFI Nru. 2068. *10FR mullins sheath.*
Kwot. PFI Nru. 2069. *Buspirone 10mg tabs.*
Kwot. PFI Nru. 2070. *Testosterone 100mg implants.*
Kwot. PFI Nru. 2071. *Trimethoprim 50mg/5ml suspension.*
Kwot. PFI Nru. 2072. *Dicobalt edetate 300mg injections.*
Kwot. PFI Nru. 2073. *Pralidoxime 1000mg injections.*
Kwot. PFI Nru. 2074. *Edrophonium chloride 10mg injections.*
Kwot. PFI Nru. 2075. *To upgrade ventilator (Evita – II) to non-invasive ventilation software.*
Kwot. PFI Nru. 2076. *Sterile, oesophageal stethoscopes, size 12G.*
Kwot. PFI Nru. 2077. *Cyclosporin 100mg capsules.*
Kwot. PFI Nru. 2078. *Surgical stockinette, size 20cms.*
Kwot. PFI Nru. 2079. *PDS 3/0 round bodied 30mm needle.*
Kwot. PFI Nru. 2080. *Silicone oil 1,0000.*
Kwot. PFI Nru. 2081. *Elasticated tubular support bandages, size A.*
Kwot. PFI Nru. 2082. *6FR angioseal.*
Kwot. PFI Nru. 2083. *8FR angioseal.*
Kwot. PFI Nru. 2084. *BSA G6/0 on 12mm cc needle.*
Kwot. PFI Nru. 2085. *BSA G4/0*
Kwot. PFI Nru. 2086. *Monofilament polyamide 10/0.*

Il-*PFI's* imsemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn fuq:
http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Is-7 ta' Frar, 2006

GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

The Director, Government Pharmaceutical Services, Guardamangia notifies that:

Sealed quotations are to be dropped in the Green Box at the reception area of the Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, Msida, Malta, by 9.00 a.m. of Tuesday, 14th February, 2006, for:-

Quot. PFI No. 2059. Self-sealing urisheaths size 30mm.
Quot. PFI No. 2060. Otoscopes.
Quot. PFI No. 2061. Adrenaline auto injector adult.
Quot. PFI No. 2062. Endo-tracheal tubes, metal armoures, size 4.5.
Quot. PFI No. 2063. Accessories for vitro-retinal surgery.
Quot. PFI No. 2064. Esmolol 10mg/ml x 250ml bags.
Quot. PFI No. 2065. 12FR mullins sheath.
Quot. PFI No. 2066. 14FR mullins sheath.
Quot. PFI No. 2067. Implantable loop recorder reveal plus.
Quot. PFI No. 2068. 10FR mullins sheath.
Quot. PFI No. 2069. Buspirone 10mg tabs.
Quot. PFI No. 2070. Testosterone 100mg implants.
Quot. PFI No. 2071. Trimethoprim 50mg/5ml suspension.
Quot. PFI No. 2072. Dicobalt edetate 300mg injections.
Quot. PFI No. 2073. Pralidoxime 1000mg injections.
Quot. PFI No. 2074. Edrophonium chloride 10mg injections.
Quot. PFI No. 2075. To upgrade ventilator (Evita – II) to non-invasive ventilation software.
Quot. PFI No. 2076. Sterile, oesophageal stethoscopes, size 12G.
Quot. PFI No. 2077. Cyclosporin 100mg capsules.
Quot. PFI No. 2078. Surgical stockinette, size 20cms.
Quot. PFI No. 2079. PDS 3/0 round bodied 30mm needle.
Quot. PFI No. 2080. Silicone oil 1,0000.
Quot. PFI No. 2081. Elasticated tubular support bandages, size A.
Quot. PFI No. 2082. 6FR angioseal.
Quot. PFI No. 2083. 8FR angioseal.
Quot. PFI No. 2084. BSA G6/0 on 12mm cc needle.
Quot. PFI No. 2085. BSA G4/0
Quot. PFI No. 2086. Monofilament polyamide 10/0.

All the above PFI's can be downloaded from:
http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services on any working day between 8.30 a.m. and noon.

7th February, 2006

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AND TRAINING SERVICES LTD

Iċ-*Chief Executive Officer* tal-MITTS Ltdjilqa' offerti minn dawk li huma interessati li jipprovdu:-

Rif. M365/06. Provvista ta' servizz ta' tikħil fil-bini tal-MITTS Ltd f'Rikasoli.

Il-proposti, immarkati "Provvista ta' servizz ta' tikħil fil-Bini tal-MITTS Ltd f'Rikasoli - Rif M365/06" għandhom jintefgħu f'*envelope* magħluq fil-kaxxa ta' l-offerti fl-indirizz imsemmi hawn taħt mhux aktar tard minn nofsinhar, it-Tlieta it-28 ta' Frar 2006 wara li jitħallas dritt ta' Lm25. Żjara fuq il-post hija maħsuba fis-17 ta' Frar 2006 fl-10.00 a.m. biswit il-fabbrika RL1, parkeġġ Industrijali ta' Rikasoli, il-Kalkara.

Kopja elettronika tad-dokument tista' titniżżel fuq is-sit tal-MITTS Ltd: http://www.mitts.gov.mt mingħajr ħlas.

Kopja stampata ta' l-istess dokument tista' tintgħalab permezz ta' *email* mibgħuta fl-indirizz csmu@gov.mt fuq ħlas ta' dritt ta' Lm15.

Offerti li għandhom ikunu magħluqin u skond kif inhu mitlub fil-kundizzjonijiet fit-talba ta' l-offerti jintlaqgħu mill-*Manager,* Contracts and Supplier Management Unit, Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, sa nofsinhar skond id-data ta' l-għeluq kif hawn fuq imsemmi.

Għal aktar informazzjoni wieħed jista' jċempel lil Contracts and Supplier Management Unit fuq in-numru tat-telefon 25992581 jew jibgħat *e-mail* lil: csmu@gov.mt.

Ħlasijiet għandhom jsiru mat-tfigħ ta' l-offerti u pagabbli lil MITTS Ltd. Kwalunkwe offerta li tiġi sottomessa b'ċekk li ma jiġix onorat tinvalida l-offerta.

Is-7 ta' Frar, 2006

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AND TRAINING SERVICES LTD

The Chief Executive Officer, MITTS Ltd, invites proposals from interested parties for the following tenders:-

Ref. M365/06. Provision of plastering services at the MITTS Ltd Ricasoli Premises.

Proposals, marked "Provision of plastering services at the MITTS Ltd Ricasoli Premises - Ref M365/06" are to be deposited in a sealed envelope, in the tender box at the address shown below, by not later than noon on Tuesday, 28th February 2006 against a fee of Lm25. A site visit is scheduled on the 17th February 2006 at 10.00 a.m. at RL1, Ricasoli Industrial Estate, Kalkara.

A soft copy of the tender document may be downloaded from MITTS Ltd website: http://www.mitts.gov.mt at no charge.

A hard copy of the same tender document may be obtained by an email request to csmu@gov.mt on cash payment of Lm15.

Sealed tenders in accordance with the conditions attached to the ITT will be received by The Manager, Contracts and Supplier Management Unit, Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, up to noon on the respective closing date as indicated above.

For further information please contact the Contracts and Supplier Management Unit on telephone number 25992581 or email: csmu@gov.mt.

Payments are made on submission and payable to MITTS Ltd. A submission accompanied by a dishonoured cheque will invalidate the bid.

7th February, 2006

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur Proġetti u Żvilupp, fil-Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, il-21 ta' Frar, 2006, fil-Ministeru għal Għawdex, Taqsima ta' l-*Accounts,* Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. WB 7/2006. Provvista, ġarr u tqegħid ta' *hot asphalt* fuq bażi ta' kuntratt perjodiku għal xogħol ta' manutenzjoni ta' toroq mid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp, Għawdex.

MINISTRY FOR GOZO

The Director Projects and Development, Ministry for Gozo, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Ministry for Gozo, Accounts Section, Department of Corporate Services, by not later than 10.00 a.m. of Friday, 21st February 2006, for:-

Advt. No. WB 7/2006. Supply, transport and laying on a period contract basis of hot asphalt for repair works by the Department of Projects and Development, Gozo.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li, flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi, jistgħu jinkisbu mill-Fergħa tax-Xogħlijiet, ir-Rabat, Għawdex f'kull ġurnata tax-xogħol waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Is-7 ta' Frar, 2006

A fee of Lm5 is to be paid for every copy of tender documents.

Tenders should be drawn out on the prescribed forms which, together with the relative conditions, can be obtained from the Works Branch, Victoria, Gozo on any working day during office hours.

7th February, 2006

FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, il-21 ta' Frar, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS-10-06. Provvista u stallazzjoni ta' *photovoltaic panels* fil-Kulleġġ San Benedittu, Ħal Kirkop.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Kopji tad-dokumenti relevanti jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji tal-Fondazzjoni, it-2 Sular, Nru. 53, Mediterranean Buildings, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, (Tel. Nru. 21 340 434, *Fax* Nru. 21 336487) fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.00 a.m.

L-offerti għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni f'Ta' Xbiex.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi l-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar ta' l-offerti fil-ħin u d-dati speċifikati hawn fuq.

Dawk li jagħmlu l-offerta għandhom jaraw illi skond it-termini ta' Parti II u Klawsola 20 tar-Regolamenti ta' l-2005 (A.L. 177 ta' l-2005) dwar Kuntratti Pubbliċi, l-għoti ta' l-Offerti Dipartimentali magħmula mill-Fondazzjoni għandhom jiġu ppubblikati fin-*notice-board* (Notifika ta' Intenzjoni ta' Għoti ta' Offerti Dipartimentali) kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis f'nofsinhar.

Kull min jagħmel offerta u jista' jħossu urtat b'rakkomandazzjoni bħal din għandu jissottometti ilment uffiċ jali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol (sa nofsinhar), kif jidher fil-klawsola ta' hawn fuq. F'dan ir-rigward dawk kollha li jagħmlu l-offerta għandhom, għalhekk, jiffamiljarizzaw ruħhom ma' dawn id-dispożizzjonijiet ta' din il-parti tar-Regolamenti.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-7 ta' Frar, 2006

FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOLS

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Tuesday, 21st February, 2006, for:-

Advt. No. FTS-10-06. Supply and installation of photovoltaic panels at St. Benedict College, Kirkop.

A fee of Lm10 is to be effected on collection of the tender document.

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices (2nd Floor, No. 53, Mediterranean Buildings, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, (Tel. No. 21 340 434, Fax No. 21 336487), on working days between 8.30 a.m. and 11.00 a.m.

Tenders must be deposited in the tender box at the Foundation's offices at Ta' Xbiex.

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

All tenderers should note that as in terms of Part II and Clause 20 of the Public Contracts Regulations 2005 (L.N. 177 of 2005), the award of the Departmental Tenders made by the Foundation will be published in the notice-board (Notice of Intent of Award of Departmental Tenders) every Tuesday and Thursday at noon.

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint within three working days (till noon), as per the above mentioned clause, in this regard all tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this part of the Regulations.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

7th February, 2006

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-17 ta' Frar, 2006, fil-Kaxxa ta' l-Offerti fit-Taqsima tal-*Procurement* (Kamra 144), Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin f'envelop bl-indirizz diġà miktub, għal:-

Avviż Nru. PS 06/2006. Bejgħ *tale quale* ta' skart tal-metall fl-*ex* Skola tas-Snajja Umberto Calosso, Sta. Venera.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mit-Taqsima tal-*Procurement,* Kamra 144 tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.30 a.m.

It-Taqsima tal-*Procurement* u Amministrazzjoni tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni tgħarraf persuni interessati jistgħu jattendu u jaraw il-ftuħ u l-iskedar ta' l-Offerti fid-data u l-ħin imsemmi.

Is-7 ta' Frar, 2006

EDUCATION DIVISION

The Director General of Education notifies that:-

Sealed tenders should be enclosed in the ready-addressed envelope and deposited in the Tender Box located at the Procurement Section (Room 144), Education Division, Floriana, up to 10.00 a.m. on Friday, 17th February, 2006, for:-

Advt. No. PS 06/2006. Sale tale quale of scrap metal at the Ex-Umberto Calosso Trade School, St. Venera.

A fee of Lm10 is to be paid upon collection of tender document.

Tenders should be made on the prescribed form which, together with the relative conditions and other documents, are obtained on application from the Procurement Section, Room 144 of the Education Division, Floriana, on any working day between 8.30 a.m. and 11.30 a.m.

The Procurement and Administration Branch of the Education Division notifies that interested parties may attend and witness the opening and scheduling of Tenders on the appointed date and time.

7th February, 2006

KUNSILL LOKALI BALZAN

Il-Kunsill Lokali Balzan jgħarraf li:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-17 ta' Marzu 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin li għandhom jintefgħu biss bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar matul il-ġranet normali tax-xogħol fil-kaxxa ta' l-offerti li tinsab fil-Kunsill Lokali Balzan, 153, Triq il-Kbira, għall-provvista tas-servizzi li ġejjin:-

Avviż Nru. T.S. 1-06. Manutenzjoni ta' tabelli tat-traffiku u marki tat-toroq (L-1 ta' Ġunju 2006).

Avviż Nru. B.R. 1-06. Ġbir ta' skart goff. (L-1 ta' Lulju 2006).

L-offerta li tiġi allokata tkun valida għal sena, li tkun tista' tiġi estiża sa tliet snin, mid-data indikata hawn fuq.

Speċifikazzjonijiet dettaljati, li kopji tagħhom jistgħu jinkisbu għall-prezz ta' Lm15, jistgħu jiġu eżaminati waqt il-ħin normali ta' l-uffiċċju fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Balzan rispettivi mingħajr ħlas minn nhar it-Tnejn, it-13 ta' Frar 2006.

BALZAN LOCAL COUNCIL

The Balzan Local Council notifies that:-

Sealed tenders may be deposited only between 9.00 a.m. and noon during normal working days in the tender box at the Balzan Local Council, 153, Triq il-Kbira, Balzan, by not later than 11.00 a.m. on Friday, 17th March 2006 for the provision of the following services:-

Advt. No. T.S. 1-06. Maintenance of traffic signs and road markings (1st June 2006).

Advt. No. B.R. 1-06. Collection of bulky refuse (1st July 2006).

The tender allocated will be valid for a period of one year that may be extended up to three years, from date indicated above.

Detailed specifications, copies of which may be obtained against payment of Lm15, may be inspected at the Balzan Local Council's office free of charge from Monday, 13th February 2006.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku fid-data ta' l-għeluq fil-11.30 a.m.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġjuża.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Kunsill Lokali Balzan fuq telefon Nru. 21 442 323.

Is-7 ta' Frar, 2006

Tenders will be opened on the closing date at 11.30 a.m.

The Council reserves the right to refuse even the most advantageous offer.

Further enquiries may be obtained from the Balzan Local Council on telephone No. 21 442 323.

7th February, 2006

KUNSILL LOKALI DINGLI

Il-Kunsill Lokali Dingli jgħarraf li:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-28 ta' Frar 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. DLC 01/06. Servizz ta' *handyman*.

Id-dokumenti relattivi jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali, Ċentru tal-Komunità, id-Daħla tas-Sienja, Ħad Dingli, (Numru tat-Telefon: 21456060), bejn it-8.00 a.m. u l-11.00 a.m. għall-ħlas ta' Lm25 kull kopja.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offert, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-7 ta' Frar, 2006

DINGLI LOCAL COUNCIL

The Dingli Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Tuesday, 28th February 2006, for:-

Advt. No. DLC 01/06. Service of a handyman.

The relative documents can be obtained from the Local Council's Office, Ċentru tal-Komunità, Daħla tas-Sienja, Dingli, (Telephone No. 21456060), between 8.00 a.m. and 11.00 a.m. at a fee of Lm25 for each copy.

The Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

7th February, 2006

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

315

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-11 ta' April 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, il-Marsa, ippreżentaw Talba, fit-28 ta' Frar 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Errol Farrugia (ID 176182M) ta' 17, Triq l-Ewwel ta' Frar 1994, Ħaż-Żabbar, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erba' mija u sitta u tletin lira Maltija u wieħed u ħamsin ċenteżmu (Lm436.51) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 562/05PM) hija differita għas-27 ta' Frar 2006 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 1 ta' Frar 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 11th April 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited of Fra Diego Street, Marsa, filed a Claim on the 28th February 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Errol Farrugia (ID 176182M) of 17, Triq l-Ewwel ta' Frar 1994, Żabbar, to pay the plaintiff company the sum of four hundred and thirty six Maltese liri and fifty one cents (Lm436.51) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 562/05PM) is put off to the 27th February 2006 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 1st February 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

316

Ikun jaf kulhadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Novembru 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 1360/2003 NC, fl-ismijiet Fenech Pauline vs Fenech Francis, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Pauline Fenech ippreżentat Ċitazzjoni fis-16 ta' Diċembru 2003, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, kontra Francis Fenech, fejn talbet il-konvenut għala m'għandhiex din il-Qorti;

1. tiddikjara s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn il-kontendenti minħabba vjolenza, eċċessi, sevizzi, moħqrija, theddid u inġurji gravi tal-konvenut kontra martu l-attriċi u minħabba l-adulterju ta' l-istess konvenut;

2. tapplika kontra l-konvenut id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili billi tgħid li l-konvenut tilef id-drittijiet imsemmija fl-istess artikolu 48;

3. tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti;

4. tillikwida din il-komunjoni ta' l-akkwisti billi tiddikjara li tikkonsisti f'dak kollu li jirriżulta waqt it-trattazzjoni;

5. taqsamha f'żewġ ishma, mhux bil-fors indaqs, u tassenja sehem lill-attriċi u ieħor lill-konvenut, b'riżerva għal kwalunkwe ordni li tista' tagħti din il-Qorti;

6. tiffissa l-alimenti li l-konvenut għandu jħallas għall-manteniment ta' martu l-attriċi;

7. tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi l-manteniment bil-modalità li tordna l-Qorti;

8. tagħti provvedimenti sabiex il-konvenut jinżamm allontanat mid-dar matrimonjali.

Bl-ispejjeż, kif jingħad fiċ-ċitazzjoni kontra l-konvenut, li minn issa huwa mħarrek biex jidher għas-subizzjoni.

Konvenut: 'Sydney', Rumi Road, Marsaskala.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 1360/2003 NC, fl-ismijiet Fenech Pauline v Fenech Francis, tinsab differita għas-6 ta' April, 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Frar 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 16th November 2005, in the records of the Writ of Summons Number 1360/2003 NC, in the names Fenech Pauline vs Fenech Francis, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Pauline Fenech filed a Writ of Summons on the 16th December 2003, in the First Hall Civil Court, against Francis Fenech, whereby she asked the defendant why this Court should not;

1. declare the personal separation a mensa et thoro between the contending parties due to violence, excesses, cruelty, threats and grievious insults, on the part of the defendant against his wife and because of adultery of the same defendant;

2. to apply against the defendant the provisions of articles 48 and 51 of the Civil Code by declaring that the defendant lost the rights mentioned in the said article 48;

3. to declare dissolved the community of acquests existing between the parties;

4. to liquidate this community of acquests by declaring that it consists in all that shall result during the pleadings;

5. to divide into two portions, not necessarily equal, and assign one share to the plaintiff and another to the defendant, saving any order that this Court may give;

6. to fix the necessary maintenance that the defendant is to pay for the maintenance of his wife the plaintiff;

7. condemn the defendant to pay the plaintiff the maintenance with the modality ordered by the Court;

8. make provisions so that the defendant be held away from the matrimonial home.

With costs, as stated in the writ of summons, against the defendant from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Defendant: 'Sydney', Rumi Road, Marsaskala.

The case Writ of Summons Number 1360/2003NC, in the names Fenech Pauline vs Fenech Francis, has been put off to the 6th April 2006, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 2nd February 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

317

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi tat-2 ta' Frar 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Angele Calleja u r-raġel tagħha Claude Calleja għal kull interess li jista' jkollu ta' 144/7, Triq it-Torri, Tas-Sliema, ippreżentaw Talba fis-16 ta' Frar 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Philip Abela u s-soċjetà Ph. Abela & Sons Ltd solidalment bejniethom ta' Jane Phil House, Triq l-Isqof Caruana, Ħaż-Żebbuġ ŻBĠ 05, iħallsu lill-atturi s-somma ta' elf erba' mija u sitta u disgħin lira Maltija u ħamsa u tmenin ċenteżmu (Lm1,496.85) skond kif mitluba fit-talba.

Il-kawża (CCT Numru 118/05) hija differita għad-9 ta' Frar 2006 fis-1.15 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 2 ta' Frar 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Consumer Claims Tribunal of 2nd February 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Angele Calleja and her husband Claude Calleja for any interest that he may have of 144/7, Triq it-Torri, Sliema, filed a Claim on the 16th February 2005, whereby they asked the Tribunal to condemn Philip Abela and the company Ph. Abela & Sons Ltd in solidum between them of Jane Phil House, Triq l-Isqof Caruana, Żebbuġ ŻBĠ 05, to pay the plaintiff the sum of one thousand four hundred and ninty six Maltese liri and eighty five cents (Lm1,496.85) as brought forward in the notice.

The case (CCT Number 118/05) is put off on the 9th February 2006 at 1.15 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 2nd February 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

318

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Jannar 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 865/92 GC, fl-ismijiet Dorothy Xuereb vs George Xuereb, ordnat illi r-rikors hawn taħt riprodott jiġi notifikat lil-intimat bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti Prim Awla Ċivili

Ċit. 865/92 GC
Diff. 27/6/03

Dorothy Xuereb

Vs

George Xuereb

Rikors ta' Dorothy Xuereb;

Tesponi bir-rispett;

Illi fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Elena Depasquale l-esponenti maret inġunġiet lill-Banek lokali għall-provi dwar il-konsistenza ta' l-assi,

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 30th January 2006, in the records of the Writ of Summons Number 865/92 GC, in the names Dorothy Xuereb vs George Xuereb, ordered that the application hereunder reproduced be notified upon the respondent by publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Cit. 865/92 GC
Put off 27/6/03

Dorothy Xuereb

Vs

George Xuereb

Application of Dorothy Xuereb;

Pleads with respect;

That during the sitting held by Judicial Assistant Dr. Elena Depasquale the applicant summoned the Local Banks for proof regarding the consistency of the assets;

Illi l-konvenut oppona għax-xhida u rrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu għall-eżenzjoni tax-xhieda mis-sigriet professjonali.

Illi dawn ix-xhieda huma neċessarji għall-provi dwar l-assi tal-komunjoni għall-fini ta' likwidazzjoni;

Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tawtorizza lil Banek lokali u cioè HSBC Bank plc, APS Bank Ltd, Bank of Valletta plc u Lombard Bank (Malta) plc, sabiex jixhdu dwar l-assi bankarji f'isem il-konvenut kif ukoll f'isem il-kumpanji G.V. Xuereb Ltd u Xuereb Construction and Investments Limited u teżentahom mill-obbligu tas-sigriet professjonali salv kull provvediment li jidhrilha xieraq skond il-liġi.

Bl-ispejjeż.

Notifika Intimat: L-Għorfa, Triq l-Għoqod, Swieqi, San Ġiljan.

Il-kawża Ċitazzjoni numru 865/92 GC, fl-ismijiet Xuereb Dorothy vs Xuereb George, tinsab differita għat-13 ta' Frar 2006, sabiex jiġi notifikat lill-konvenut, bir-rikors ta' l-attriċi hawn fuq miġjub.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 2 ta' Frar 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That the defendant opposed to the witnesses and refused to give his consent in order that the witnesses be exempted from the professional secret.

That these witnesses are necessary for the proof regarding the community of acquests for the purpose of liquidation;

Thus the applicant prays with respect that this Honourable Court authorize the Local Banks and that is HSBC Bank plc, APS Bank Ltd, Bank of Valletta plc and Lombard Bank (Malta) plc to give evidence regarding the bank assets in the name of the defendant as well as in the names of the companies G.V. Xuereb Ltd and Xuereb Construction and Investments Limited and exempt them from the duty of professional secrecy, saving any provision it deems fit according to law.

With costs.

Notify Respondent: L-Għorfa, Għoqod Street. Swieqi, San Ġiljan.

The cause Writ of Summons Number 865/92 GC, in the names Xuereb Dorothy vs Xuereb George has been put off to the 13th February 2006 at 9.00am, in order that the defendant be notified with the application of the plaintiff above brought forward.

Registry of the Superior Courts, today 2nd February 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

319

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tas-16 ta' Jannar 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Perit William Soler (ID 1022546M) ta' 34, Triq G. Despot, Kappara SĠN 06, ippreżenta Talba fl-10 ta' Awissu 2005, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Michele Belfiore ta' Epoca Restaurant, Borg Olivier Street, San Ġiljan, thallas lill-attur is-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200) liema ammont huwa dovut lill-attur.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Talba Numru 1600/05DC) hija differita għall-20 ta' Frar 2006 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 2 ta' Frar 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 16th January 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

AIC William Soler (ID 1022546M) of 34, Triq G. Despott, Kappara SĠN 06, filed a Claim on the 10th August 2005, whereby he asked the Tribunal to condemn Michele Belfiore of Epoca Restaurant, Borg Oliveri Street, St Julians, to pay the plaintiff the sum of two hundred Maltese liri (Lm200) which amount is due to the plaintiff.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 1600/05DC) is put off on the 20th February 2006 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 2nd February 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

320

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar ta' l-14 ta' Diċembru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

APS Bank Limited (C2192) ta' APS House, St Anne Square, il-Furjana, ippreżentaw Talba fit-12 ta' Settembru 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil R.A.B. Ltd (C 7165) ta' 25B, Msida Road, Santa Venera, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħames mija u sitta u ħamsin lira Maltin u wieħed u ħamsin ċenteżmu (Lm556.51) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 1725/05ISB) hija differita għall-21 ta' Frar 2006 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 2 ta' Frar 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 14th December 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

APS Bank Limited (C2192) of APS House, St Anne Square, Floriana, filed a Claim on the 12th September 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn R.A.B. Ltd (C 7165) of 25B, Msida Road, Sta Venera, to pay the plaintiff company the sum of five hundred and fifty six Maltese liri and fifty one cents (Lm556.51) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 1725/05ISB) is put off to the 21st February 2006 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 2nd February 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

321

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Novembru 2005 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw talba fis-26 ta' Lulju 2005, fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Alfred Mizzi (ID 536357M) ta' 60, Triq il-Ħut, Marsaskala u JAJ Co Limited (C22257) ta' 60, Triq il-Ħut, Marsaskala, iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf sitt mija u disgħa u tmenin lira Maltija u sitta u sittin ċenteżmu (Lm1,689.66) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Nru 431/05MM) hija differita għall-20 ta' Frar 2006 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 2 ta' Frar 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qorti Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 28th November 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa, filed a Claim on the 26th July 2005, whereby they asked the Court to condemn Alfred Mizzi (ID 536357M) of 60, Triq il-Ħut, Marsaskala and JAJ Co Limited (C22257) of 60, Triq il-Ħut, Marsaskala, to pay the plaintiff company the sum of one thousand six hundred and eighty nine Maltese liri and sixty six cents (Lm1,689.66) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Notice Number 431/05MM) is put off to the 20th February 2006 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 2nd February 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

322

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Novembru 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 3151/05, fl-ismijiet Horace Fenech vs Herbert Mifsud et, ordnat illi l-ittra uffiċjali hawn taħt riprodotta tiġi notifikata lil Angelo Fenech u martu Grace Fenech, bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 8 ta' Lulju 2005

Lil Alberto Mifsud (ID 421658M) u martu Maria Anna Mifsud (ID 382261M) Lil Angelo Fenech (ID 179572M) u martu Grace Fenech (ID 489660M)

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali Horace Fenech (ID 694755M) u martu Anna Fenech (ID 580960M) jirreferukom għall-kuntratt tal-bejgħ tat-30 ta' Awissu 2004, fl-atti tan-Nutar Dott. Joseph Tabone fejn il-konjugi Mifsud akkwistaw mingħand il-konjugi Fenech l-utili dominju perpetwu ta' biċċa art denominata ta' Xatt il-Melħ b'kamra sovraposta bla numru fil-kontrada tal-Kali, fl-inħawi ta' Delimara, tal-kejl ta' circa erbat itmiem u dan kif tidher fi pjanta u site plan annessi ma' att ippubblikat min-Nutar Dott. Vannesa Pool tat-30 ta' Settembru 2003, bi drittijiet u pertinenzi kollha tagħha u soġġetta għar-rata tagħha ta' ċens annwu u perpetwu.

Il-mittenti jirreferukom għall-kuntratt korrettorju, datat 20 ta' April 2004, fl-atti tan-Nutar Dott. Vanessa Pool, fejn il-konjugi Fenech iddikjara illi l-pjanta annessa mal-kuntratt ta' l-akkwist tagħhom, cioé dik li għaliha saret riferenza aktar il-fuq, kienet skorretta u għalhekk ġiet sostitwita bil-pjanta annessa ma' l-att korrettorju.

Il-mittenti in oltre jinformawkom illi l-awturi tagħkom mhumiex il-proprjetarji tal-kamra deskritta fl-istess kuntratt iżda hija proprjetà tagħhom għax qiedgħa fuq art tagħhom u dan kif jirriżulta mill-istess provenjenza ta' l-akkwist ta' l-awturi tal-konjugi Fenech, senjatament il-kuntratt ta' bejgħ bejn Giuseppe u Giovanna Charbon u Giovanni Mifsud, tad-9 ta' Awissu 1962, fl-atti tan-Nutar Dott. Joseph Sciberras.

Jirriżulta wkoll illi f'dawn l-aħħar jiem il-konjugi Mifsud qegħdin jagħmlu alterazzjonijiet u xogħlijiet oħra strutturali fil-kamra msemmija u dan mingħajr il-kunsens tal-mittenti u in vjolazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà tagħhom kif ukoll qegħdin jimblukkaw l-aċċess għall-proprjetà tal-mittenti.

Għalhekk il-mittenti jinterpellawkom fl-ewwel lok sabiex tiddeżistu immedjatament milli tkomplu tagħmlu kwalsijasi xogħlijiet fil-kamra u immedjatament tieqfu milli tinvadu l-

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 10th November 2005, in the records of the judicial letter number 3151/05, in the names Horace Fenech vs Herbert Mifsud et, ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified to Angelo Fenech and his wife Grace Fenech, by publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today 8th July 2005

To Alberto Mifsud (ID 421658M) and his wife Maria Anna Mifsud (ID 382261M) To Angelo Fenech (ID 179572M) and his wife Grace Fenech (ID 489660M)

By the present judicial letter Horrace Fenech (ID 694755M) and his wife Anna Fenech (ID 580960M) refer you to the contract of sale of the 30th August 2004, in the records of Notary Dr Joseph Tabone, whereby the spouses Mifsud acquired from the spouses Fenech, the perpetual utile dominium of a plot of denominated of Xatt il-Melħ, with an overlying room without number in the area of Kali in the vicinity of Delimara of the area of circa four tumolos and this as it appears on a plan and site plan attached with a deed published by Notary Dr Vanessa Pool of the 30th September 2003, with all its rights and appurtenances and subject to its annual rate of annual and perepetual groundrent.

The interpellants refer you to the deed of amendment dated 20th April 2004, in the records of Notary Dr Vanessa Pool, whereby the spouses Fenech declared that the plan attached to their deed of acquisition , that is the one referred to above, was incorrect and was thus substituted with the attached plan with the deed of correction.

The interpellants furthermore inform you that your mandators, are not the owners of the room described in the same contract but it is their property because it is on land which is their property and this as results from the deed of acquisition of the mandators of the spouses Fenech, precisely the deed of sale between Giuseppe and Giovanna Charbon and Giovanni Mifsud of the 9th August 1962 in the records of Notary Dr Joseph Sciberras.

It also results that during these last days the spouses Mifsud are making alterations and other structural works in the room mentioned and this without the consent of the interpellants and in violation of their property rights and they are also blocking the access to the property of the interpellants.

Thus the interpellants call upon you in the first place to desist immediately from continuing any other work in the room and immediately stop from invading the land of the

art tal-mittenti; fi żmien ġimgħa mil-lum tersqu għall-att korrettorju bejnietkom fejn fl-ewwel lok issir riferenza ċara u eżatta għall-pjanta li turi l-estensjoni eżatta ta' l-art akkwistata minnkom u fit-tieni lok jiġi reċiss dik il-parti tal-bejgħ fejn il-konjugi Mifsud akkwistaw il-kamra deskritta fl-istess att ta' akkwist u fl-istess waqt il-konjugi Fenech jiddikjaraw fl-istess att illi huma m'għandhom ebda jedd, dritt jew pretensjoni fuq il-kamra.

Tant biex tirregolaw ruħkom u b'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-mittenti għall-aġir illegali u abbużiv u bl-ispejjeż.

Mittenti: 'Hermes', Triq Felica Abela, Żejtun ŻTN 04.

Intimati: .....Omissis.....

Angelo Fenech u Grace Fenech
'Sydney', Triq ta' Rumi, Marsaskala.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 2 ta' Frar 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

interpellants; within a week from today you come forward to the deed of amendment between you whereby in the first place a clear and exact reference to the plan which shows the exact extension of the land acquired by you and in the second place that part of the sale be rescinded whereby the spouses Mifsud, acquired the room described in the same deed of acquisition and at the same time the spouses Fenech declare on the same deed that they have no right, or claim on the room.

So much so that you may know how to regulate yourselves and saving any action due to the interpellants for their illegal and abusive behaviour and with costs.

Interpellant: 'Hermes', Felica Abela Street, Żejtun ŻTN 04.

Respondents: .....Omissis.....

Angelo Fenech and Grace Fenech
'Sydney', Ta' Rumi Road, Marsaskala.

Registry of the Superior Courts, today 2nd February 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

323

BILLI ESTER sive ESTHER CAMILLERI ppreżentat ċitazzjoni Numru: 5/06 (PC) fl-ismijiet Ester sive Esther Camilleri versus Direttur tar-Reġistru Pubbliku fejn talbet il-korrezzjoni ta' l-ATT TAT-TWELID numru (117/1948) ta' Esther Camilleri.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja hawn imsemmija bil-ġurnata li tiġi moghtija għas-smigħ tal-kawża.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Superjuri.

Illum 2 ta' Frar, 2006.

FRANCIS ATTARD
Deputat Reġistratur

